

# Il-Fgura...
# Storja ta' Lokalità u Parroċċa

*Punti minn avvenimenti u dati importanti li seħħew qabel, waqt (1965-2015) u wara t-twaqqif tal-Parroċċa u l-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali (1990-2015)*

Tagħrif miġbur minn Keziah Ellul

**Il-Bidu tad-devozzjoni Marjana Karmelitana sa qabel it-twaqqif tal-Parroċċa**

- Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu fil-Fgura tmur qabel l-1790. Id-devozzjoni bdiet permezz ta' niċċa ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu.
- Fl-1790, is-sur klement Busuttil bidel din in-niċċa għall-kapella. Dan għamlu bl-ispejjeż tiegħu.
- Tajjeb wieħed jgħid li l-patrijiet Karmelitani kienu għadhom ma waslux fil-Fgura. Għalhekk id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu hija waħda qadima ħafna, saħansitra eqdem minn devozzjonjiet oħra ta' parroċċi ferm eqdem mill-Fgura.
- Din il-kappella tinbena fuq biċċa art bejn l-irħula ta' Ħal Tarxien u Ħaż-Żabbar, viċin tas-sur ta' Bormla. Peress li l-post ma kellux isem kienu jirreferu għalih bħala tal-figura, minħabba l-figura devota tal-Madonna tal-Karmnu li kien hemm fil-post.
- Skont tradizzjoni mbagħad minn figura, din daret għall-Fgura u b'hekk inagħata l-isem tal-Fgura lil dan il-post.



- Id-devozzjoni dak iż-żmien kienet kbira ħafna, tant li n-neputi ta' Klement Busuttil, Dun Salv Busuttill apparti li ħa f'idejh din il-kappella, iddeċieda li jħotta u jibni oħra ġdida fl-1854. Inbniet mill-imgħallem Indri Vassallo. F'din il-knisja kien hemm il-kwadru titulari li huwa ta' awtur mhux magħruf. Huwa kopja ta' pittura xogħol ta' Raphaele u li jinsab fil-mużew tal-Vatikan. Kien hemm bosta opri oħra fosthom statwa ta' Ġesù Nazzarenu.
- Nhar it-13 ta' Diċembru 1854 ġiet mbierka sollenament minn Mons. Vigarju Vinċenż Chappelle, mgħejjun minn bosta qassisin, b'mod partikolari qassisin li kienu jagħtu sehemhom fil-parroċċi ta' Ħal Tarxien u Ħaż Żabbar.
- Kienu bosta dawk id-devoti tal-Madonna tal-Karmnu li talbu sabiex jiġu jabitaw fl-inħawi l-patrijiet Karmelitani.
- Fi żmien il-gwerra l-kappella ġarbet xi ħsarat. F'dan iż-żmien ukoll kienet nibtet leġġenda ħelwa marbuta ma' din il-kappella.
- It-talba ġiet milqugħa u l-karmelitani waslu fil-Fgura nhar l-14 ta' Diċembru 1945. Il-patrijiet bdew jabitaw f'dar mikrija mill-famija Garzia fi Triq San Xmun.
- Tasal fil-Fgura l-ewwel statwa tal-Madonna tal-Kamrnu, xogħol ta' Wistin Camilleri. Din waslet fl-1947. Din ingħatat min Antonio Cumbo.
- Din il-kappella, propjetà tal-familja Busuttil, ġiet mislufa lil patrijiet sabiex ikunu jistgħu jaqbdu l-ministeru tagħhom minnha. L-aħħar rettur tagħha ikun is-sur Etilvoldo Busuttil.
- Wara li ntemmet it-tieni gwerra dinjija, ħafna bdew jagħżlu li jiġu jabitaw f'dawn l-inħawi tal-Fgura. L-ewwel nett kien hawn ħafna art vojta kif ukoll il-Fgura tinsab viċin ħafna tat-tarzna u li dak iż-żmien kienu bosta li daħlu jaħdmu hemmhekk.



- Il-popolazzjoni tal-Fgura bdiet tikber u allura kien nħass il-bżonn li tinbena knisja ikbar filwaqt li l-patrijiet ukoll kienu jeħtieġu kunvent iktar komdu li jkun parti mill-bini tal-knisja.
- Il-patrijiet ġew offruti biċċa art wara l-kappella preżenti, ftit l-isfel lejn Raħal Ġdid. Din l-art ġiet offruta minn Anġlu u Marjanna Camilleri.
- Jinbeda x-xogħol tal-bini ta' kunvent u knisja ġdida fuq insistenza tal-Provinċjal Ġorġ Borg O.Carm li qabbad lil Ġużè Damato sabiex jagħmel pjanta u jesegwixxi x-xogħol ta' knisja u kunvent ġodda.



- Nhar il-11 ta' Diċembru 1948 Mons. Arċisqof Gonzi, qiegħed l-ewwel ġebla tagħha fil-preżenza tal-parrinjiet Anġlu Camilleri, d-donatur tal-art kif ukoll Sir Paul Boffa M.D., Prim Ministru ta' Malta. Preżenti kien hemm ukoll il-Provinċjal u diversi patrijiet Karmelitani.
- L-imgħallem Ġużeppi Debono jibda' jibni l-knisja u l-kunvent tal-patrijiet.
- F'Novembru 1949, il-patrijiet jibdew jabitaw fil-kunvent il-ġdid.



- Sena wara, f'Novembru 1950, issir iċ-ċerimonja tat-tberik tal-knisja minn Mons. Gonzi
- Fis-26 ta' Novembru tal-istess sena l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu tiġi transportata mill-knisja l-antika għal dik ġdida. Din l-istatwa ġiet merfugħa mill-patrijiet Karmelitani.



- F'Lulju 1960, tasal l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu minn Bolzano xogħol tad-ditta Perathoner. Din ġiet mħallsa mill-istess Antonio Cumbo u l-familja tiegħu.
- Fil-knisja jsiru diversi opri fosthom pitturi ta' Santa Tereża, l-mewt ta' San Ġużepp u l-Qalb ta' Marija kif ukoll saret statwa ta' San Ġużepp xogħol ta' Giuseppe Caruana. Sar ukoll kwadru tal-Madonna tal-Karmnu, xogħol ta' Rafel Bonnici Calì li kien intuża għal xi żmien bħala titular li kien ġie inawgurat fil-ftuħ tal-knisja.
- Nhar l-20 ta' Novembru 1962 jitwaqqaf il-kunsill ċiviku, fuq inizzjattiva tal-patrijiet.

## It-Twaqqif tal-Parroċċa 1965-2015

- Peress li l-popolazzjoni tal-Fgura bdiet tikber, Mons. Arċisqof Gonzi ħareġ digriet nhar il-21

**MICHAEL GONZI**
**GHALL-GRAZZJA T'ALLA U TAS-SEDE APPOSTOLIKA**
**ARĊISQOF TA' MALTA**
**ASSISTENT FIT-TRON TAL-A.T. IL-PAPA**
**METROPOLITA TAL-PROVINĊJA MALTIJA**
**LIR-REV.MU KAPITLU. KLERU U POPLU**
**SAHHA U BARKA**

Għeżież Huti u maħbubin uliedi,

F'dawn l-aħħar snin il-popolazzjoni tal-"Fgura" żdiedet ħafna u billi dawn in-nies jinsabu bogħod mill-knejjes parrokkjali u mill-kappillani ta' Ħaż-Żabbar, ta' Ħal Tarxien u ta' Paola, li għalihom huma soġġetti rispettivament, ħassejna l-bżonn li naqtgħu din il-popolazzjoni ġdida minn dawn it-tliet parroċċi (Żabbar, Tarxien, Paola) u nagħmlu minnhom parroċċa waħda ġdida.

Għalhekk bis-setgħa li tagħtina l-Liġi tal-Knisja, b'Digriet tal-21 tax- xahar ta' Jannar li aħna fih, festa ta' San Publju, l-ewwel Isqof ta' Malta, waqqafna l-Knisja ta-Madonna tal-Karmnu, li tinsab fil-qalba tal-Fgura u hi mfunzjonata mir-Rev. di Patrijiet Karmelitani, bħala Parroċċa ġdida indipendenti bil-limiti deskritti fil-pjanta li tinsab fil-Kurja Arċiveskovili Tagħna.

Bl-istess Digriet Aħna afdajna din il-Parroċċa ġdida f'idejn il-Patrijiet Karmelitani tal-Provinċja Maltija fuq imsemmija u minnhom 'il quddiem ninnominaw wieħed bħala Kappillan ta' din il-Parroċċa: u rridu li dawk kollha li jgħammru fil-limiti ta' din il-Parroċċa ġdida jaraw fih il-Missier spiritwali tagħhom, jistennew minn għandu l-għajnuna kollha ta' ruħhom u megħu jilħqu d-dmirijiet kollha tagħhom ta' nsara.

Dan kollu li għedna u li ordnajna rridu li jibda jseħħ mill-ewwel ta' Frar li ġej.

ta' Jannar 1965 sabiex il-Fgura ssir parroċċa bil-limiti tagħha jittieħdu mill-parroċċi ta' Ħal Tarxien, Ħaż Żabbar u Raħal Ġdid.

- Nhar l-1 ta' Frar titwaqqaf uffiċjalment il-parroċċa tal-Fgura bl-ewwel Kappillan ikun Patri Tomtju Azzopardi O.Carm. Din kienet l-ewwel parroċċa li twaqqfet wara l-Konċilju Vatikan II.
- Nhar it-18 ta' April tal-istess sena, u li kien jaħbat l-Għid il-Kbir, Patri Timotju jingħata l-pussess bħala l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa. Għal din l-okkażjoni saret festa speċjali mmexijja mill-E.T. Mons. Arċisqof Gonzi. Wara li ntemmet il-funzjoni sar riċeviment għall-poplu kollu tal-Fgura filwaqt li sar programm ta' marċi mill-Banda Santa Venera.









## Il-Parroċċa matul is-snin

- Jitkompla ħafna xogħol mill-Kumitat Ċiviku li ħadem spalla ma' spalla mal-komunità u mal-Kappillan ta' dak iż-żmien.



- Bil-ħidma ta' dan il-kumitat bdew jintlew id-diversi nuqqasijiet li kien hawn fil-Fgura, fosthom is-servizz tat-telefon, li sa dak iż-żmien kien għad hemm telefon wieħed biss fil-kunvent u li kien jintuża minn kulħadd, ismijiet tat-toroq ma kinux jeżistu, dwal fit-toroq kien rari ħafna fost għadd ta' problemi oħra.
- Jitwaqqaf Kumitat tal-Festa fl-1967.
- Tibda ssir il-festa titulari tal-Madonna tal-Karmnu. Dak iż-żmien kienet festa modesta billi kienet tintrama Triq il-Karmelitani b'xi ftit dawl u kienu jinġiebu żewġ baned, waħda lejlietha u oħra nhara.
- Il-Kunsill ċiviku flimkien mal-parroċċa jagħmlu l-arma tal-Fgura.





leħen il-
# fgura
Maħruġ mill-Kumitat Ċiviku

Vol. I Nru. 1 — Jannar-Frar, 1967

## L-EWWEL ĦARGA

### APPELL

EDITUR.

### IL-WASLA TAL-QNIEPEN

- Jibda jinħareġ il-fuljett *Leħen il-Fgura*
- Il-popolazzjoni tal-Fgura tibda tikber ġmielha, b'hekk il-patrijiet jaħsbu sabiex tibda tinbena knisja oħra ikbar. Kien f'Diċembru 1973 li l-patrijiet talbu lill-Provinċja, lil Arċisqof kif ukoll lill-Gvern il-permess sabiex tinbena knisja ġdida peress li l-knisja parrokkjali preżenti li kienet tinsab fi Triq il-Karmelitani saret żgħira wisq għall-popolazzjoni tal-Fgura.
- F'Mejju 1974 tintgħażel il-pjanta tal-Perit Godfrey Azzopardi.
- Fil-bidu tas-sena 1976 jinbeda' x-xogħol tal-bini tal-knisja l-ġdida.



- Fis-sena 1978 il-parroċċa taffaċja problemi kbar finanzjarji minħabba l-bini tal-knisja l-ġdida.
- Jinħatar it-tieni Kappillan tal-parroċċa, Patri Leonard Mahoney O.Carm fl-1979.
- Tibda ssir purċissjoni devozzjonali tad-Duluri.
- Jitwaqqfu bosta għaqdiet Reliġjużi taħt il-kappa tal-parroċċa fosthom l-Abbatini, l-Mużew, Azzjoni Kattolika, Terzjarji Karmelitani u l-*Legion of Mary*
- Jinħatar it-tielet Kappillan tal-parroċċa, Patri Guido Micallef O.Carm fl-1982.
- Jibda' x-xogħol u jitlesta iċ-Ċentru Parrokkjali taħt il-knisja l-ġdida. Dan ġie inawgurat fl-1983.
- Tiżanżan l-istatwa ta' Marija Addolorata xogħol ta' Alfred Camilleri Cauchi fl-1984.
- Jitkompla b'ritmu mgħaġġel ix-xogħol fuq il-knisja parrokkjali.
- Titwaqqaf il-banda Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura bl-ewwel laqgħa tkun nhar l-24 ta' Lulju 1985.
- Il-ħolma tal-patrijiet u ta' ħafna Fgurin waslet u nhar il-25 ta' Marzu 1998, festa tad-Duluri intużat għall-ewwel darba l-knisja l-ġdida.
- Isiru ċelebrazzjonijiet kbar sabiex ifakkru l-ftuħ u t-tberik tal-knisja parrokkjali.
- L-ewwel ċelebrazzjoni kienet dik tat-trasport tal-istatwa titulari mill-knisja l-qadima fi triq il-Karmelitani sal-knisja parrokkjali l-ġdida fi triq Hompesch. Dan sar nhar l-Erbgħa 18 ta' Mejju 1988.
- Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca ibierek sollenament il-knisja l-ġdida kif ukoll kixef rħama kommemorattiva fil-preżenza tal-Provinċjal Patri Leonard Mahoney ex Kappillan u l-kappillan preżenti Patri Guido Micallef O.Carm nhar l-Erbgħa 25 ta' Mejju 1988.




- Isiru diversi ċelebrazzjonjiet ta' sagramenti diversi fl-okkażjoni ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet

fosthom magħmudija, l-ewwel tqarbina, griżma tal-Isqof, griżma tal-morda u taż-żwieġ filwaqt li ċ-ċelebrazzjonjiet għalqu permezz ta' Akkademja Mużiko-Letterarja fuq iz-zuntier tal-knisja mill-Banda Madonna tal-Karmnu nhar l-Erbgħa 1 ta' Ġunju 1988.
- Fis-sena 1989 isir il-proġett tal-presbiterju l-ġdid.

## Ħamsa u għoxrin sena Parroċċa 1965-1990

## Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali 1990-2015

- Il-parroċċa ċċelebrat il-25 sena mit-twaqqif tagħha fl-1990.
- Nhar il-Ħamis 1 ta' Frar 1990 sar il-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali l-ġdida minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.



- Isiru diversi ċelebrazzjonijiet u attivitajiet reliġjużi għal din l-okkażjoni.



- Il-Ħadd 4 ta' Frar isir l-inawgurazzjoni tal-monument tas-salib li jinsab fi triq Hompesch, fil-post fejn kien hemm l-ewwel kappella.
- Ikomplu proġetti oħra fil-knisja parrokkjali fosthom ix-xogħol tal-paviment.
- Jinħatar ir-raba' Kappillan tal-Parroċċa, Patri Amadeo J. Zammit O.Carm fl-1991.
- Tiżżanżan bradella ġdida għall-istatwa titulari.
- Jitwaqqfu għaqdiet u movimenti reliġjużi ġodda.
- Titwaqqaf il-Kummissjoni Festa Esterna bl-ewwel laqgħa tkun nhar il-5 ta' Marzu 1993.



- Tingħata importanza iktar lill-Erbgħat tal-Udjenza tal-Madonna tal-Karmnu.
- Minħabba l-kobor tal-parroċċa jinfetaħ ċentru pastorali fi triq il-Liedna.
- Ċelebrazzjonijiet fl-okkażjoni tal-50 sena mill-wasla tal-patrijiet Karmelitani fil-Fgura fl-1995.
- Isir ir-restawr u l–induratura tal-istatwa titulari bejn l-1994 u l-1995.
- Isir il-pedestall il-ġdid tal-istatwa titulari kif ukoll issir niċċa ġdida.
- Fi Pjazza Reggie Miller tiżżanżan statwa tal-Madonna tal-Karmnu xogħol ta' Alfred Camilleri Cauchi. Din saret fuq inizzjativa tal-Kunsill Lokali tal-Fgura u ġiet inawgurata f'Marzu 1997.



- Jinħatar il-ħames Kappillan tal-Parroċċa, Patri Joseph Saliba O.Carm fl-1997.
- Fis-sena 2000 jiżanżan kurċifiss ġdid għall-knisja parrokkjali, xogħol ieħor tal-Kavallier Alfred Camieri Cauchi.
- Fl-2005 l-Fgura tfakkar l-40 sena mit-twaqqif tal-parroċċa.
- Isiru diversi xogħlijiet fil-knisja parrokkjali fosthom it-tindif tal-kwadru titulari u sett ta'






erbgħa anġli mal-istatwa titulari.

- Jinħatar is-sitt Kappillan tal-Parroċċa, Patri Joseph Vella O.Carm fl-2006.
- Titkompla l-ħidma pastorali fil-parroċċa bit-tisħieh tal-għaqdiet u l-movimenti reliġjużi.
- Jinħatar is-seba' Kappillan tal-Parroċċa, Patri Renald J.M. Lofreda O.Carm fl-2009.
- Fl-2010 isiru ċelebrazzjonjiet kbar mill-parroċċa fl-okkażjoni tal-50 sena mill-wasla tal-istatwa titulari.
- L-2015 ċelebrazzjonjiet f'għeluq il-50 sena parroċċa u 25 sena mill-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali.

DAMATO'S OPTICIANS

THE SERVICE TO TRUST

33, Antoine de Paule Square, Paola – Malta.
Tel: 21 825906

*Open: Mon to Fri: 9.00 - 12.00 4.00 - 7.00 Sat: Mornings only*